**A.L. 238 ta' l-2004**

## ATT DWAR L-AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA (KAP. 352)

### Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Taljar

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 28 ta' l-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta, il-Ministru għall-Kompettivita u l-Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità Marittima ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 dawr it-Taljar, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1978 dwar it-Taljar, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 73 ta' l-1978.

(2) Dawn ir-regolamenti jibdew iseħħu fl-1 ta' Mejju, 2004.

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Ir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) fis-subregolament (3) tiegħu, is-subparagrafu (i) tal-paragrafu (a) għandu jitħassar; u

(b) is-subregolament (4) *bis* tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subregolament (5); u

(ċ) fis-subregolament (5) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "tas-subregolament (3)(a)(i) u (ii) u (b)" għandhom jidħlu l-kliem "tas-subregolament (3)(a)(ii) u (b)".

Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

**3.** Fir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali, fis-subregolament (2) tiegħu, minflok il-kliem "tar-regolament 6(3)(a)(i) u (ii) u (b)" għandhom jidħlu l-kliem "tar-regolament 6(3)(a)(ii) u (b)".